MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 1484/2000/1

**Stuart Craig u Gordon Graig f'isimhom proprju u fl-isem u
fl-interess tad-ditta AGS Company**

**vs**

**Time International Company Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-17 ta' Ottubru, 2000 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm879.75), rapprezentanti drittijiet professjonali u VAT relattiv ghal servizzi rezi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, skond statement anness u mmarkat Dok. "A".

Bl-ispejjez kollha, nkluz il-VAT kif ukoll dawk ta' l-ittra legali li ggib id-data tat-3 ta' Lulju, 2000, ta' l-ittra ufficjali li

ggib id-data tas-27 ta' Lulju, 2000 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet

Illi preliminarjament, it-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dan stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex relazzjoni guridika ma' l-atturi proprio et nomine u ghalhekk ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi fil-mertu, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li x-xoghol indikat fuq il-fatturi bin-numri 494, 495 u 496 datati 8 ta' Settembru,1999 ma kienx ta' s-sengha u fil-fatt kien mimli difetti, u noltre x-xoghol addizzjonali ndikat fuq il-fatturi 544 u 545 (datati 12 ta' Novembru 1999) flimkien ma' dak indikat fuq il-fatturi 572, 573 u 574 (datati 15 ta' Dicembru 1999) kien kollu inutli u difetti, bil-konsegwenza li ghalhekk ma hemm l-ebda dritt ghall-hlas.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2001 (fol. 43) fejn is-socjeta' konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-atturi f'isimhom proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta AGS company joperaw fil-qasam tas-*software,* jinnegozjaw id-ditta SAGE, jipprovdu *after sales service* u jiktbu wkoll il-programi.

F’Dicembru 1998, is-socjeta’ konvenuta riedet tixtri *accounting system* bl-isem ta’ Sovereign, illi jinxtara bhala *package* minghand is-SAGE. Ghalhekk, avvicinat lill-atturi sabiex jipprovdu dan is-servizz u dawn id-diskutew il-kaz ma’ Ian Sillato, li kien accountant mas-socjeta’ konvenuta. Harget *quotation* fl-10 ta’ Novembru, 1998 (fol. 77) li ghaliha s-socjeta’ konvenuta wiegbet permezz ta’ ittra ta’ l-10 ta’ Dicembru, 1998 fejn gew accettati l-prezzijiet u s-servizz offrut mill-atturi (fol. 52).

Is-sistema giet installata u wara dan is-socjeta’ konvenuta hallset l-ammont ta’ tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) ghall-pakkett, kif ukoll sitt mitt lira Maltin (Lm600) bhala tahrig. Inghata wkoll xahrejn ghajnuna bhala thaddim tal-pakkett, pero’ l-prezz ta’ din l-ghajnuna fl-ammont ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ma thallasx. Sar ftehim ukoll illi l-assistenza tinghata bir-rata ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) is-siegha.

Jidher illi saru diversi nkontri bejn is-socjeta’ konvenuta u l-attur Stuart Craig wara li gie nstallat il-program u d-dokumenti esebiti fl-atti minn Dok A sa’ Dok SC9 huma kollha kontijiet illi ntbaghtu mill-atturi wara li pprovdew is-servizz li nghata bejn it-8 ta’ Settembru, 1999 u l-14 ta’ Dicembru, 1999. L-attur Stuart Craig jghid illi qatt ma kellu xi *complaints* dwar xi xoghol hazin u kellu diversi laqghat ma’ Ian Sillato, Nicky Scicluna u mal-General Manager Richard Cleeland. Dan ta’ l-ahhar ippretenda li s-servizz jinghata b’xejn ghaliex il-pakkett inxtara minghand l-atturi.

Is-socjeta’ konvenuta minn naha l-ohra ma tidhirx illi qeda tikkontesta l-quantum ta’ l-ammont mitlub mill-atturi. Pero’ qeda tghid illi tant sar xoghol difettuz u tant dahlu fi spejjez, illi ma dehrilhomx illi kellhom ihallsu ghal xoghol hazin.

Ian Sillato, ex *financial controller* mas-socjeta’ konvenuta, qal illi huwa kien accetta x-xoghol ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u kkonferma l-ittra ta’ accettazzjoni li tidher a fol. 52. Jaf illi saru xi hlasijiet, “Pero’ kien hemm *bespoke module* illi ma jidhirlix illi hallasnih. Dan kien *software*

zviluppat apposta ghalina.” Jghid illi qabel ma telaq, f’Ottubru 1999, is-sistema ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb. Jghid ukoll illi t-trasferiment mis-sistema l-antika u ghal dak gdid sar tajjeb u, “Safejn naf jiena ma hemmx raguni il-ghala ma thallasx” (fol. 70).

Nicholas Scicluna, *financial controller* tas-socjeta’ konvenuta wara Ian Sillato, qal illi huwa beda jahdem mas-socjeta’ konvenuta f’Dicembru, 1999 (fol. 88) u mall-ewwel sab hafna problemi fis-sistema. Meta sab illi ma kienx qed ikollu ghajnuna minghand l-atturi, waqqaf kull kuntatt wara xahar li beda jahdem. Ikkonferma li kien hemm problema bil-*bespoke module* u *purchase order module* u t-trasmess ta’ nformazzjoni. Jghid ukoll illi sakemm sabu t-tarf taghha ghaddew ix-xhur u t-telf lill-kumpanija kien wiehed kbir.

F’xi zmien il-kumpanija konvenuta nkarigat lil Noel Hili ta’ l-ITS sabiex jinvestiga s-sistema u jghid x’gara. Ir-rapport huwa esebit a fol. 92 minfejn irrizulta li l-problemi kienu fin-*network configuration*, *works stations* u *settings*. Minkejja li rrizulta li n-*network configuration* hija responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta, illi qabbdet lis-socjeta’ Compunet biex taghmel dan, xorta baqghu l-problemi fiz-zewg karigi l-ohra. Tant hu hekk, illi Noel Hili gie awtorizzat jahdem program gdid. Fil-fatt ghamel hekk u l-program installat mis-socjeta’ attrici m’ghadux aktar jiffunzjona.

Brian Zarb Adami. Direttur tas-socjeta’ Compunet Limited (fol. 114), kien l-aktar wiehed car fejn spjega ezattament dak li gara. Dan jghid, “Originarjament in-*network* kien installat minn Deloitte & Touche u Stuart Craig kien wiehed mid-distributuri tal-progam SAGE. Meta nqalghu l-problemi, s-Sur Craig, almenu kif gie rrapurtat lili, kien qal li l-problema kienet qeghda fin-*network* u kien ghalhekk li d-direttur ta’ Time International taghni struzzjonijiet biex inbiddel il-*connections* tan-*network* kollha. Dawn ghamilthom, pero’ l-problema baqghet hemm u ghalhekk setghet tigi identifikata bhala dovuta ghal xi haga fil-program SAGE. Ghalhekk Time International qabbdet lid-ditta ITS biex taghmel *re-writing*

ta' dan il-program, kif fil-fatt ghamlet u minn hemm 'il quddiem ma kienx hemm aktar problemi."

Irizulta wkoll, illi minkejja dawn il-problemi kollha, jekk verament kien hemm, il-fatt huwa li l-program SAGE, installat mill-atturi baqa' fil-pusssess tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta' konvenuta ddur fuq in-nuqqas ta' obbligazzjoni ghall-hlas peress illi x-xoghol maghmul mill-atturi kien wiehed difettuz u ma kienx ta' sengha. Ghalhekk, tista' tinvoga favur taghha l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-merkanzija ma tkunx tal-kwalita' mifthema, f'liema kaz, ix-xerrej ghandu l-ghazla jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Izda f'din il-kawza s-socjeta' mhijiex qeda titlob la r-rizoluzzjoni tal-bejgh u lanqas li ssir stima ghall-prezz anqas, izda qeda tirrfjuta li thallas il-bilanc dovut ghas-sistema mixtri minghand l-atturi, liema sistema kif diga nghad, tajjeb jew hazin, ghadha f'idejn is-socjeta' konvenuta.

Hawhekk, il-Qorti jidhrilha illi din is-socjeta' naqset meta, minkejja illi dehrilha illi kien hemm hafna difetti fis-sistema mixtrija, ma kkawtelawx id-drittijiet taghha la fiz-zmien imsemmi mil-Ligi ghall-azzjoni redibitorja jew estimatorja u lanqas ma formalment iddepozitat is-sistema mixtrija minghand l-atturi taht l-awtorita' tal-Qorti.

Fil-kawza <u>Diacono vs Galea</u> (Vol. XVIII P.III p.59) il-Qorti qalet, "Se il venditore promette esplicitamente una qualita' che il compratore ha specialmente in mira questi in difetto di tale qualita' puo` esercitare l azzione di nullita' della vendita. Se il comprtore riceve la merce e la trattiene senza richiamo, si deve presumere che egli sia sodisfatto della qualita' della stessa. L'azzione redibitoria e l'estimatoria trascorsi inutilmente i termini stabbiliti per loro esercizzio dall'Articolo 1145 dell'Ordinaza VII 1868, non possono opporsi neppure in via d'eccezzione al venditore che reclama il pagamento dell prezzo.'

M’hemmx dubju li s-socjeta’ konvenuta rceviet il-merkanzija u zammitha minghajr ma ghamlet riklam ghal difetti illi seta’ kellha minkejja illi huma setghu invokaw favur taghhom l-inadempjenza tal-kuntratt.

Fil-kawza Buttigieg vs Hurst (Vol XXXII PI p163) il-Qorti qalet, “Jekk l-oggett ma jkunx konformi mall-ftehim, ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun kaz ta’ inadmepjenza tal-kuntratt, li ma ghandha x’taqsam xejn mall-garanzija tall-vizzji redibitorji. Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkun konformi ghall-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkun tilef dan id-dritt f’att tieghu stess.”

Il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta’ kawtela tad-drittijiet taghha, s-socjeta’ konvenuta tilfet id-drittijiet illi kellha ghar-ridress b’att taghha stess meta naqset illi tiddepozita formalment is-sistema in kwistjoni.

Il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza Frederick Micallef et vs May Sullivan deciza fit-22 ta’ Novembru, 2002 qalet illi meta l-konvenuti ddecidew illi jzommu l-merkanzija bid-difetti kollha illi kien fiha, u meta naqsu illi jiehdu l-mizuri legali necessarji biex jipprotegu d-drittijiet taghhom, dan in-nuqqas ta’ azzjoni jfisser rinunzja ghal tali drittijiet. L-istess fil-kawza Attard Brothers vs Direttur ta’ l-Edukazzjoni deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-4 ta’ Novembru, 1992. F’dan il-kaz, il-Qorti qalet li ladarba d-dipartiment iddecieda li jzomm l-oggetti mixtrija minghand l-atturi bid-difetti taghhom kollha, allura dawn kellhom ihallsu l-pagament intier tal-prezz.

Is-socjeta’ konvenuta, tramite l-*financial controller* taghha Nicholas Scicluna, qed tipprova tiggustifika dan in-nuqqas peress illi ghaddew hafna xhur sakemm sabu tarf is-sistema u t-telf lill-kumpanija kien wiehed kbir.

Il-Qorti jidhrilha li dan lanqas ma hu bizejjed biex izommu l-pagament.

F'kawza deciza recentement fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2005 fl-ismijiet Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene mart Francis Xuereb et il-Qorti qalet illi dikjarazzjonijiet generici ta' telf finanzjarju kawzati b'agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta' djun. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehmha mill-ftehim mid-diligenza u ftehim mistennija minn *pater bonus familias* wiehed kellu diversi ghazliet; seta' jew jitlob li l-kuntratt jigi mwetttaq kif mifthiem jew jitlob ir-rexizzjoni tal-kuntratt jew inkella jaghmel azzjoni gahd-danni.

Minn dan kollu s-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn.

Ghalhekk, ladarba s-socjeta' konvenuta tilfet id-dritt illi tagixxi kontra l-atturi ghall-inademojenza tal-kuntratt, peress illi s-servizz moghti ma kienx tal-kwalita' mweghda, allura issa ma jistghux jopponu ghall-pagament rikjest mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' kovenuta li thallashom is-somma ta' tmien mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm879.75), rapprezentanti drittijiet professjonali u VAT relattiv ghal servizzi rezi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------